**Il-Parlament Ewropew,**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0065/2022 }**
**B9-0072/2022 }**
**B9-0074/2022 }**
**B9-0077/2022 }**
**B9-0079/2022 } RC1**

19.1.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0065/2022 (Verts/ALE)
B9-0072/2022 (Renew)
B9-0074/2022 (S&D)
B9-0077/2022 (ECR)
B9-0079/2022 (PPE)

dwar is-sitwazzjoni fil-Każakistan
(2022/2505(RSP))

**Željana Zovko, Gheorghe-Vlad Nistor, Michael Gahler, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Paulo Rangel, Jerzy Buzek, Isabel Wiseler-Lima, Traian Băsescu, Esther de Lange, Miriam Lexmann, Sara Skyttedal, Eugen Tomac, Tomáš Zdechovský, Inese Vaidere, Krzysztof Hetman, Janina Ochojska, Stanislav Polčák, David Lega, Christian Sagartz, Antonio López-Istúriz White, Vladimír Bilčík, Adam Jarubas, José Manuel Fernandes, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Vangelis Meimarakis, Romana Tomc, Peter**

**Pollák, Tom Vandenkendelaere, Arba Kokalari, Loránt Vincze, Jiří Pospíšil, Ivan Štefanec, Seán Kelly, Michaela Šojdrová, Luděk Niedermayer**
f'isem il-Grupp PPE
**Pedro Marques, Andrea Cozzolino, Nacho Sánchez Amor**
f'isem il-Grupp S&D
**Róża Thun und Hohenstein, Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Karen Melchior, Javier Nart, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Šimečka, Nicolae Ştefănuță, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans**
f'isem il-Grupp Renew
**Viola Von Cramon-Taubadel, Hannah Neumann**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Anna Fotyga, Ryszard Antoni Legutko, Adam Bielan, Alexandr Vondra, Assita Kanko, Charlie Weimers, Carlo Fidanza, Jadwiga Wiśniewska, Ladislav Ilčić, Veronika Vrecionová, Vincenzo Sofo, Witold Jan Waszczykowski, Raffaele Fitto**
f'isem il-Grupp ECR
**Fabio Massimo Castaldo**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Każakistan (2022/2505(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2021 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Każakistan[1] u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Każakistan tal-14 ta' Marzu 2019[2], tat-18 ta' April 2013[3], tal-15 ta' Marzu 2012[4] u tas-17 ta' Settembru 2009[5],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni (EPCA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra, li ġie ffirmat f'Astana fil-21 ta' Diċembru 2015 u li daħal fis-seħħ b'mod sħiħ fl-1 ta' Marzu 2020 wara r-ratifika tiegħu mill-Istati Membri kollha,

– wara li kkunsidra t-18-il laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Każakistan tal-10 ta' Mejju 2020, it-13-il laqgħa tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem UE-Każakistan li saret fit-2 u t-3 ta' Diċembru 2020, u t-18-il laqgħa tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni Parlamentari UE-Każakistan tal-11 ta' Ottubru 2020,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(5), 21, 24, 29 u 31 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 10 u 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jimpenjaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha li, fir-relazzjonijiet tagħhom mad-dinja inġenerali, jiddefendu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem universali u l-protezzjoni tal-individwi, u li jadottaw miżuri restrittivi fil-każijiet ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Asja Ċentrali,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà (VP/RGħ) tat-8 ta' Jannar 2022 u d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tal-5 ta' Jannar 2022 dwar l-aħħar żviluppi fil-Każakistan,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-6 ta' Jannar 2022,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura,

[1] Testi adottati, P9_TA(2021)0056.
[2] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 83.
[3] ĠU C 45, 5.2.2016, p. 85.
[4] ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 93.
[5] ĠU C 224 E, 19.8.2010, p. 30.

– wara li kkunsidra r-Rieżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar il-Każakistan tat-12 ta' Marzu 2020,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-2 ta' Jannar 2022 eluf ta' persuni bdew jipprotestaw b'mod paċifiku fil-belt ta' Zhanaozen, u opponew id-deċiżjoni tal-gvern li jneħħi l-limitu massimu fuq il-prezz tal-gass likwifikat miż-żejt, li wassal għal żieda qawwija fil-prezzijiet; billi l-protesti nfirxu malajr f'aktar minn 60 belt u lokalità u bdew jesiġu bidla politika ġenwina, elezzjonijiet ġusti u miżuri effettivi biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni mifruxa;

B. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Każakistan marret għall-agħar f'xejra perikoluża matul il-protesti reċenti, fejn id-dimostranti kkwotaw in-nuqqas ta' rappreżentanza demokratika fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-gvern, id-deterjorament tal-korruzzjoni u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet politiċi bħala kawżi sottostanti tal-ilmenti tagħhom;

C. billi huwa magħruf sew li saret protesta simili fl-2011 fil-belt ta' Zhanaozen, meta grupp ta' persuni organizzati ħafna rrikorrew għall-vjolenza, li aktar tard intużat mill-awtoritajiet biex jiġġustifikaw repressjoni vjolenti bl-użu ta' armi letali fuq dimostranti paċifiċi; billi l-awtoritajiet tal-Każakistan naqsu milli jinvestigaw l-avvenimenti tal-massakru ta' Zhanaozen fl-2011 minkejja talbiet mill-Parlament Ewropew; billi s-sistema ġudizzjarja u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ma investigawx dawn l-avvenimenti, u dan iqajjem dubji dwar il-probabbiltà li dawk responsabbli għat-tixrid tad-demm attwali jitressqu quddiem qorti u jiġu kkastigati;

D. billi l-4 u l-5 ta' Jannar 2022 kienu mument ta' bidla fl-avvenimenti, b'eskalazzjoni tal-vjolenza b'mod partikolari f'Almaty, l-akbar belt tal-pajjiż, u d-dehra rrappurtata ta' atturi ġodda fil-protesti, bħal gruppi kriminali, gruppi marġinalizzati u gruppi armati, li ħadu vantaġġ mis-sitwazzjoni biex jinvolvu ruħhom f'azzjoni vjolenti bħal raids, ħruq u serq, inklużi ta' għases tal-pulizija u faċilitajiet militari; billi l-awtoritajiet tal-Każakistan irreaġixxew għall-protesti, inklużi dawk li kienu leġittimi u paċifiċi, bi vjolenza sproporzjonata; billi r-reazzjoni tal-forzi tas-sigurtà għall-protesti paċifiċi kienet ħarxa ħafna, bl-użu frekwenti ta' forza eċċessiva, bla bżonn u indiskriminata, inkluża l-forza letali, bħall-użu estensiv ta' gass tad-dmugħ, lenbubi, granati ta' sturdament u kanuni tal-ilma; billi fit-3 u l-4 ta' Jannar 2022 seħħew mill-inqas 206 każijiet ta' persekuzzjoni politika bil-għan li n-nies ma jitħallewx jipparteċipaw fid-dimostrazzjonijiet paċifiċi, minkejja d-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet li huma jirrispettaw id-dritt għal assemblea paċifika; billi fil-5 ta' Jannar 2022 gruppi ta' dimostranti vjolenti ħatfu l-ajruport u attakkaw bini uffiċjali bħall-Kunsill ta' Almaty;

E. billi mill-bidu tal-protesti, kważi 10 000 persuna ġew detenuti fil-pajjiż kollu, u mill-inqas 225 persuna nqatlu, inklużi tfal, persuni li ma pparteċipawx fi protesti u 19-il uffiċjal tal-infurzar tal-liġi; billi ċ-ċifri reali probabbilment huma ogħla u diffiċli biex jiġu vverifikati minħabba informazzjoni uffiċjali mhux affidabbli kif ukoll interruzzjonijiet tas-servizzi tal-internet u tat-telefonija ċellulari; billi hemm rapporti kontinwi li l-arresti, l-intimidazzjoni u t-tortura ta' attivisti ċivili u persuni ordinarji li bdew matul il-manifestazzjonijiet ta' Jannar 2022 għadhom għaddejjin; billi l-attivisti

Nuraliya Aitkulova, Aitbay Aliyev u mill-inqas 12 oħra ġew allegatament maqtula minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi waqt il-protesti; billi ċ-ċivili paċifiċi Nurbolat Seitkulov, Altynai Yetayeva u binthom ta' 15-il sena nqatlu mill-militar f'Taldykorgan fit-8 ta' Jannar 2022;

F. billi fl-4 ta' Jannar 2022 l-awtoritajiet tal-Każakistan imponew restrizzjonijiet fuq l-internet mobbli u n-networks soċjali; billi fil-5 ta' Jannar il-President Kassym-Jomart Tokayev iddikjara stat ta' emerġenza fil-pajjiż kollu li jinkludi curfew, restrizzjonijiet temporanji fuq il-moviment u projbizzjoni fuq il-ġemgħat tal-massa; billi ġie rrappurtat blackout tal-internet ta' ħamest ijiem maħsub biex ifixkel il-komunikazzjonijiet tad-dimostranti;

G. billi fis-6 ta' Jannar ġew skjerati forzi mill-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva (CSTO) fil-Każakistan fuq talba formali biex jassistu lill-Gvern tal-Każakistan kontra d-dimostranti, li jimmarka l-ewwel darba li l-alleanza militari mmexxija mir-Russja ntalbet tintervjeni f'pajjiż membru;

H. billi fil-11 ta' Jannar 2022 il-President Tokayev ħabbar l-irtirar sħiħ tal-forzi tas-CSTO mill-pajjiż sat-23 ta' Jannar 2022; billi l-Gvern Russu, filwaqt li kkwota t-tixrid ta' marda virali fost il-bhejjem, impona projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' laħam u prodotti tal-ħalib mill-Każakistan jum wara t-tħabbira tal-President Tokayev tal-11 ta' Jannar;

I. billi mill-4 ta' Jannar 2022 l-awtoritajiet tal-Każakistan bdew kampanja ta' diżinformazzjoni mifruxa, u imblokk fuq l-internet u l-media biex jaħbu l-involviment tal-istat fil-vjolenza kontra l-poplu tiegħu stess u biex jiskreditaw id-dimostrazzjonijiet paċifiċi u r-rieda ġenwina tal-poplu tal-Każakistan li jfittex il-ġustizzja, id-dinjità u r-rispett għad-drittijiet tiegħu;

J. billi fis-7 ta' Jannar 2022 il-President Tokayev ħareġ ordni ta' "spara biex toqtol" kontra d-dimostranti, li huwa ddeskriva bħala terroristi internazzjonali; billi tali ordni tikser l-obbligi legali internazzjonali tal-Każakistan li jirrispetta u jipproteġi d-dritt għall-ħajja; billi l-awtoritajiet tal-Każakistan użaw interpretazzjonijiet vagi u wiesgħa żżejjed tal-liġijiet dwar it-terroriżmu u l-estremiżmu u miżuri biex jirrestrinġu b'mod arbitrarju l-espressjoni libera u d-dissens paċifiku; billi fil-11 ta' Jannar 2021 l-esperti tan-NU ddenunzjaw l-użu wiesa' żżejjed tal-kelma "terroriżmu" kontra d-dimostranti, l-attivisti tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-partiti politiċi;

K. billi l-awtoritajiet tal-Każakistan jippersegwitaw politikament l-avversarji tagħhom li ġew imġiegħla jgħixu barra mill-pajjiż;

L. billi l-ġurnalisti nazzjonali u internazzjonali u l-uffiċċji tal-media ġew ikkritikati u attakkati mill-Gvern u l-forzi statali tal-Każakistan, filwaqt li korrispondenti barranin ma tħallewx jidħlu fil-pajjiż; billi l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi li ma kinux qed juru l-identifikazzjoni tagħhom sparaw fuq ġurnalist tat-TV Rain, Vasilyi Polonskyi, u fotografu, Vasilyi Krestiyaninov, filwaqt li kienu qed jagħmlu xogħolhom qrib il-kamra mortwarja f'Almaty; billi għadd ta' ġurnalisti ġew detenuti jew iffastidjati minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi għall-kopertura tagħhom tal-protesti, inklużi Saniya Toiken,

Makhambet Abzhan, Lukpan Akhmediyarov, Kassym Amanzhol, Darkhan Omirbek u oħrajn;

M. billi l-awtoritajiet tal-Każakistan ilhom żmien twil jirrestrinġu d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal protesta paċifika, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-espressjoni; billi l-Każakistan huwa kklassifikat fil-155 post minn 180 pajjiż fl-Indiċi tal-Libertà tal-Istampa 2021 ta' Reporters Without Borders; billi 13-il attivist assoċjat mal-Koshe Partiyasy u l-Għażla Demokratika tal-Każakistan (DCK), li huma movimenti paċifiċi tal-oppożizzjoni, ġew ikkundannati, inklużi l-priġunieri politiċi Kairat Klyshev, Noyan Rakhimzhanov, Askhat Zheksebayev u Abai Begimbetov, li ġew ikkundannati għal ħames snin ħabs immedjatament wara ż-żjara fil-Każakistan mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali; billi l-proċessi politiċi tagħhom saru online u l-ebda deċiżjoni tal-qorti li tipprojbixxi d-DCK u l-Koshe Partiyasy ma ġiet ippreżentata b'appoġġ għall-akkużi;

N. billi l-President Tokayev akkuża lill-attivisti, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-media ħielsa li jinċitaw l-inkwiet; billi matul dawn l-aħħar snin is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Każakistan iddeterjorat drastikament; billi diversi NGOs prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, il-media u l-organizzazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali fil-Każakistan ġew soġġetti għal pressjoni dejjem akbar u fastidju ġudizzjarju mill-awtoritajiet tal-pajjiż; billi din hija parti minn repressjoni akbar fuq is-soċjetà ċivili, it-trade unions u d-drittijiet demokratiċi fundamentali, b'mod partikolari fuq il-libertajiet tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda, fuq il-pluraliżmu politiku, id-dritt għall-parteċipazzjoni fl-affarijiet pubbliċi u l-istat tad-dritt;

O. billi d-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Raigul Sadyrbayeva, li jinsab f'qagħda ħażina, tqiegħed f'detenzjoni qabel il-proċess matul l-investigazzjoni ta' każ kriminali politikament motivat għall-monitoraġġ tal-protesti f'Semey u qed jiffaċċja sentenza twila ta' ħabs; billi d-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Aliya Isenova ġiet sparata fid-driegħ minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi waqt li kienet qed tissorvelja protesta f'Semey u issa huwa rrappurtat li qed tiffaċċja wkoll sentenza twila ta' ħabs f'każ kriminali politikament motivat;

P. billi minkejja d-dikjarazzjonijiet mill-Ministeru tal-Intern tal-Każakistan lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) li se jkun hemm titjib fil-kundizzjonijiet fil-faċilitajiet ta' detenzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ma nkiseb l-ebda riżultat tanġibbli; billi minkejja memorandum iffirmat mis-sistema penitenzjarja tal-Każakistan u d-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Elena Semenova, it-tortura u t-trattament ħażin fil-faċilitajiet ta' detenzjoni għadhom sistematiċi, kif ukoll l-impunità għal dawn id-delitti, minħabba li l-awtoritajiet għadhom jonqsu milli jinvestigaw b'mod kredibbli l-allegazzjonijiet ta' tortura;

Q. billi l-awtoritajiet regolarment jippruvaw jiħħekkjaw il-kontijiet tal-media soċjali tal-attivisti ċivili, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-oppożizzjoni; billi l-Każakistan jipprova jiċċensura l-oppożizzjoni u l-kontenut tad-drittijiet tal-bniedem fuq

il-media soċjali;

R. billi l-Unjoni Ewropea u l-Każakistan ilhom sħab mill-indipendenza tal-pajjiż fl-1991; billi l-Unjoni Ewropea u l-Każakistan iffirmaw Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni (EPCA), l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu ma' sieħeb tal-Asja Ċentrali, li żviluppa r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Każakistan u rrappreżenta pass importanti f'aktar minn 25 sena ta' relazzjonijiet bejn l-UE u l-Każakistan; billi l-EPCA, irratifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE u mill-Parlament Ewropew, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2020;

1. Jiddispjaċih ħafna għat-telf ta' ħajjiet u jikkundanna bil-qawwa l-atti mifruxa ta' vjolenza li faqqgħu wara protesti paċifiċi fil-Każakistan; jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-vittmi u l-familji tagħhom;

2. Jappoġġa lill-poplu tal-Każakistan, li għandu jgawdi bis-sħiħ id-dritt li jorganizza dimostrazzjoni paċifika bi protesta kontra n-nuqqas ta' riformi fil-Każakistan u b'difiża ta' futur prosperu għall-pajjiż; jikkundanna bil-qawwa s-sitwazzjoni drammatika tad-drittijiet tal-bniedem fil-Każakistan, li qed tiddeterjora kontinwament, inklużi l-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet soċjali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Każakistan biex josservaw l-obbligi internazzjonali tagħhom u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

3. Jistieden lill-Gvern tal-Każakistan iwaqqa' akkużi politikament motivati u jtemm il-forom kollha ta' detenzjoni arbitrarja, rappreżalji u fastidju kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti, organizzazzjonijiet reliġjużi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, trade unions, ġurnalisti u movimenti tal-oppożizzjoni politika, u biex jippermetti lin-nies jesprimu liberament il-fehmiet politiċi, reliġjużi u fehmiet oħrajn tagħhom;

4. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Każakistan jeħles minnufih lid-dimostranti u lill-attivisti miżmuma f'detenzjoni arbitrarja; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Każakistan jeħilsu minnufih u jirriabilitaw bis-sħiħ il-priġunieri politiċi kollha, inklużi Bekizhan Mendygaziyev, Erulan Amirov, Igor Chuprina, Ruslan Ginatullin, Yerzhan Yelshibayev, Saltanat Kusmankyzy, Baurzhan Jussupov, Nataliya Dauletiyarova, Rinat Batkayev, Yerbol Yeskhozin, Askar Kayyrbek, Ulasbek Akhmetov, Askhat Zheksebayev, Kairat Klyshev, Noyan Rakhimzhanov, Abai Begimbetov u Raigul Sadyrbayeva; jitlob lill-awtoritajiet ineħħu l-miżuri li jobbligaw l-arrest preventiv, id-detenzjoni domiċiljari u r-restrizzjonijiet fuq il-libertà imposti fuq l-attivisti tas-soċjetà ċivili;

5. Jikkundanna l-ksur tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-awtoritajiet tal-Każakistan kontra d-dimostranti, il-ħaddiema tal-media u l-attivisti, inkluż l-użu indiskriminat ta' forza letali mill-forzi tas-sigurtà; jikkundanna r-retorika xewwiexa tal-President Tokayev, inkluża r-rappreżentazzjoni ġenerali tiegħu tad-dimostranti bħala "terroristi", dikjarazzjonijiet mhux sostanzjati u eżaġerati tan-numri tagħhom (allegatament madwar 20 000) u t-theddida li "joqtluhom"; iħeġġu jikkanċella pubblikament kwalunkwe ordni ta' sparar biex joqtlu mingħajr twissija;

6. Jistieden lill-awtoritajiet jiżvelaw informazzjoni relatata mal-arresti u d-diżgrazzji li

jirriżultaw mill-protesti, u jiżguraw li dawk kollha li jitressqu l-qorti jkollhom aċċess għal avukat u jingħataw proċessi ġusti f'konformità mad-dritt internazzjonali;

7. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan jirrevedu l-liġi dwar l-assemblej pubbliċi sabiex jiggarantixxu d-dritt għal protesta paċifika f'konformità mal-istandards internazzjonali sabiex jippermettu lin-nies fil-Każakistan jipparteċipaw fi protesti paċifiċi mingħajr biża' ta' arrest jew fastidju u interferenza mill-pulizija u jiżguraw li l-media indipendenti, il-gruppi tas-soċjetà ċivili, il-gruppi tal-oppożizzjoni politika, l-attivisti, it-trejdjunjonisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom mingħajr indħil indebitu mill-gvern jew biża' ta' fastidju jew prosekuzzjoni politikament motivata; jitlob f'dan ir-rigward riforma bir-reqqa tas-sistema ġudizzjarja u, kif rakkomandat min-NU u l-OSKE, ir-revoka ta' artikoli mill-kodiċi kriminali li jintużaw għal prosekuzzjonijiet politikament motivati; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan iħassru d-deċiżjonijiet tal-qorti dwar il-movimenti paċifiċi tal-oppożizzjoni Kohe Partiyasy u DCK;

8. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan iwaqqfu l-persekuzzjoni politika tal-gruppi tad-drittijiet tal-bniedem bħal Bostandyq Kz, Qaharman, Femina Virtute, Veritas, 405, Elimay u Article 14;

9. Jappella lill-UE u lill-komunità internazzjonali jibdew minnufih investigazzjoni internazzjonali xierqa dwar id-delitti mwettqa kontra l-poplu tal-Każakistan matul il-ġimagħtejn ta' dimostrazzjonijiet fil-Każakistan, u fost affarijiet oħra biex jinvestigaw l-għajbien, kif ukoll ir-rapporti ta' tortura, detenzjoni arbitrarja u snipers li qatlu jew darbu dimostranti paċifiċi, fosthom minorenni, f'Almaty u fi bliet kbar u żgħar oħra tal-Każakistan;

10. Jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jużaw fora multilaterali biex jissorveljaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Każakistan, inkluż il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jew l-OSKE;

11. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-inizjattiva li jinvokaw il-Mekkaniżmu ta' Moska tal-OSKE) sabiex jippermettu inkjesta dwar il-fatti u ċ-ċirkostanzi marbuta mal-mewt tad-dimostranti u tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi f'Almaty f'Jannar 2022 u allegazzjonijiet oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-bidu tal-moviment ta' protesta paċifika fil-Każakistan kollu;

12. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan jistiednu proċeduri speċjali tan-NU u esperti tal-OSKE biex jagħmlu żjarat fuq il-post u jikkooperaw bis-sħiħ magħhom, u jikkunsidraw li jwaqqfu grupp ta' ħidma permanenti taħt l-awspiċji tal-OSKE biex jivvaluta jekk l-inkwiet kienx riżultat ta' interferenza barranija jew taqbidiet interni tal-poter u jindirizza l-kawża ewlenija tagħhom;

13. Jesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni inaċċettabbli tal-libertà tal-media fil-pajjiż; jistieden lill-Gvern tal-Każakistan jipprovdi ambjent ħieles u sikur għall-ġurnalisti indipendenti; jikkundanna bil-qawwa l-użu tal-għeluq tal-internet biex irażżan id-dissens u jikser il-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda, bi ksur tal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan

jerġgħu jistabbilixxu aċċess mhux ristrett għall-internet, jiżblokkaw il-forom l-oħra kollha ta' komunikazzjoni u jwaqqfu r-rappreżalja kontra dawk li jikkondividu l-aħbarijiet b'mod indipendenti; jistieden lill-President Tokayev jirrikonoxxi pubblikament u jirrispetta bis-sħiħ l-importanza u r-rwol tal-media ħielsa fil-Każakistan;

14. Jikkundanna l-prattika tat-tortura u t-trattament ħażin fil-faċilitajiet ta' detenzjoni u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Każakistan jiggarantixxu d-dritt taċ-ċittadini għall-ħelsien mit-tortura u t-trattament ħażin, jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jkunu f'konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali, jinvestigaw bir-reqqa l-inċidenti ta' tortura u jtemmu l-impunità; jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan jipprovdu lir-rappreżentanti mill-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Prevenzjoni u lill-Ombudsman aċċess immedjat u mingħajr xkiel għal dawk kollha detenuti;

15. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Każakistan iżommu lura milli jressqu akkużi ta' terroriżmu "abbażi ta' interpretazzjonijiet wiesgħa żżejjed tat-terminu u biex jiddistingwu bejn dimostranti paċifiċi u dawk li użaw il-vjolenza u wettqu delitti skont normi internazzjonali"; itenni t-talba tiegħu biex tiġi riveduta d-definizzjoni ta' estremiżmu biex tiġi allinjata mal-obbligi internazzjonali tal-Każakistan; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Każakistan jieqfu jużaw l-Artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali tal-Każakistan biex jimmiraw membri perċepiti jew reali ta' gruppi "estremisti" pprojbiti, jagħmlu stħarriġ tal-projbizzjoni arbitrarja imposta mill-qorti fuq movimenti politiċi paċifiċi; jikkummissjonaw stħarriġ indipendenti tal-kundanni kollha mogħtija fuq akkużi ta' organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f'organizzazzjoni "estremista" pprojbita u jistiednu lill-qrati jwarrbu l-kundanni kollha imposti fuq persuni sempliċement għal allegata sħubija jew appoġġ għal oppożizzjoni politika paċifika jew grupp ta' difiża;

16. Jitlob li d-drittijiet tal-bniedem ikunu prijorità għall-impenn tal-UE mal-Każakistan; jissottolinja li relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi aktar profondi mal-UE, kif previst mill-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni, iridu jkunu bbażati fuq valuri kondiviżi u jikkorrispondu għal impenn attiv u konkret mill-Każakistan għar-riformi demokratiċi, li jirriżultaw mill-obbligi u l-impenji internazzjonali tiegħu; iħeġġeġ lill-VP/RGħ, lis-SEAE u lill-Istati Membri jappellaw kontinwament lill-Każakistan biex jirrevoka jew jemenda l-liġijiet kollha inkompatibbli mal-istandards internazzjonali, u biex iqajmu kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-laqgħat bilaterali rilevanti kollha;

17. Jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE u lir-rappreżentanzi tal-Istati Membri fil-Każakistan jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni, iżuru u jipprovdu appoġġ lid-dimostranti detenuti u lill-priġunieri politiċi, jinvolvu ruħhom b'mod attiv mal-membri lokali tas-soċjetà ċivili billi jorganizzaw laqgħat regolari mingħajr diskriminazzjoni u jieħdu rwol biex jiffaċilitaw djalogu bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili; iħeġġiġhom, barra minn hekk, jimmonitorjaw b'mod attiv u jirreaġixxu malajr għall-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem u jieħdu pożizzjoni pubblika dwar tali ksur billi jipprovdu assistenza lill-vittmi ta' prosekuzzjoni politika u attivisti miżmuma l-ħabs kif ukoll jattendu proċessi ta' kritiċi tal-gvern u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jżuru postijiet ta' detenzjoni; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw b'urġenza programm komprensiv li jappoġġa s-soċjetà ċivili u l-forzi demokratiċi tal-Każakistan;

18. Jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE u lill-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE fil-Każakistan jikkoordinaw u jaġixxu malajr biex jiżguraw il-ħruġ ta' viżi għal difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju li jeħtieġu rilokazzjoni temporanja barra mill-Każakistan; jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE u lill-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE fil-Każakistan jinvolvu ruħhom mal-awtoritajiet tal-Każakistan biex jiżguraw il-ħelsien immedjat ta' mijiet ta' priġunieri u detenuti politiċi fil-Każakistan, it-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà imposti fuq is-soċjetà ċivili u l-attivisti tal-oppożizzjoni, u l-eradikazzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin fil-ħabsijiet;

19. Jilqa' l-offerta tal-VP/RGħ ta' "assistenza għal riżoluzzjoni paċifika tal-kriżi" fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-8 ta' Jannar iżda jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' inizjattiva diplomatika; iħeġġeġ lis-SEAE jinvesti fil-bini tal-kapaċitajiet u juża l-potenzjal eżistenti għall-medjazzjoni, ir-riżoluzzjoni paċifika ta' kriżijiet

u għodod oħra, bħax-shuttle diplomacy, inkluż mill-VP/RGħ jew mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali;

20. Jistieden lis-SEAE jippromwovi l-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Każakistan fis-sessjoni li jmiss tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU bl-adozzjoni sussegwenti ta' riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni;

21. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Każakistan jikkonformaw mal-istandards internazzjonali fir-rigward tal-qafas ġuridiku għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni Limitata ta' Osservazzjoni Elettorali tal-ODIHR dwar il-libertajiet fundamentali ggarantiti b'mod kostituzzjonali, il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, il-pluraliżmu politiku, l-imparzjalità tal-amministrazzjoni elettorali, l-eliġibilità għall-votazzjoni u l-kandidatura għall-elezzjonijiet, ir-reġistrazzjoni tal-votanti, il-media u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-elezzjonijiet;

22. Jistieden lill-Każakistan jimplimenta riformi urġenti bil-għan li jiġġieled il-korruzzjoni u ż-żieda fl-inugwaljanzi; jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jħaffu l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni biex jimmiraw uffiċjali korrotti u s-sostenituri tagħhom fil-Każakistan għal raġunijiet ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħasil tal-flus;

23. Ifakkar fir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE, li ġie approvat reċentement, li jippermetti lill-UE timmira lil dawk li jwettqu abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, li, fil-każ tal-Każakistan, jippermetti li jiġu mmirati individwi, entitajiet u korpi involuti fi ksur mifrux u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem jew assoċjati miegħu; jistieden lill-Kunsill jimponi sanzjonijiet immirati fuq uffiċjali tal-Każakistan ta' livell għoli responsabbli għall-ksur serju mwettaq matul il-protesti ta' Jannar 2022;

24. Jinnota t-tħabbira tal-President Tokayev dwar ir-riformi soċjoekonomiċi u politiċi u jistenna li l-gvern u l-awtoritajiet isegwu l-implimentazzjoni tagħhom sabiex itejbu l-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini u jindirizzaw l-iskuntentizza tagħhom, u jistieden lill-President jipprovdi kjarifika ulterjuri dwar ir-riformi politiċi u l-istruttura tal-fond ġdid imsejjaħ "Fond Għall-Persuni tal-Każakistan" mill-aktar fis possibbli; iħeġġeġ lill-

Gvern tal-Każakistan ifittex kooperazzjoni mal-UE, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa f'dan il-proċess ta' riforma, u jitlob lis-SEAE jkun lest jipprovdi kwalunkwe appoġġ rilevanti f'dan il-proċess;

25. Jistieden lill-ġirien tal-Każakistan iżommu lura minn kull interferenza li jista' jkollha impatt negattiv fuq l-affarijiet interni tal-Każakistan;

26. Jistieden lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji Ewropej, inklużi s-SEAE u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, u lill-Bank Dinji biex iwaqqfu l-programmi ta' finanzjament fil-Każakistan sakemm il-gvern jagħmel sforzi sostanzjali u tanġibbli biex itejjeb ir-rekord tiegħu tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha mill-Parlament Ewropew, in-NU u l-OSKE, b'mod li ma jaffettwax l-appoġġ dirett lis-soċjetà ċivili indipendenti, lill-attivisti, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-media;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali, il-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Każakistan.